MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 200/2011

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta’ Mejju tal-elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed imwieled fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) li llum ghandu hdax –il sena.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt min Nutar Dottor Rachel Busuttil sa mill-hmistax (15) ta’

Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006)  (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom hames snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrenti sahansitra ffurmat rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohrajn;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali  (Ara Dok B anness, Klawsola 7) l-intimat huwa dovut ihallas manteniment ghall-ibnu E D s-somma ta' hamsa u sittin Lira Maltija (Lm65) ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€151.40), fix-xahar u huwa qatt ma kien inadempjenti u dejjem hallas il-manteniment dovut (Ara Dok C).

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 3 ) il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u jew jircievu manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewwgu fit-tletin (30) ta' Mejju tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) skont ic-certifikat taz-zwieg (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala 'Dok A') u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed imwieled fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) li llum ghandu hdax-il sena;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rachel Busuttil sa mill-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala 'Dok B');

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hames snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati u indipendenti minn xulxin;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (vide Klawsola 7 tad-Dok B anness mar-rikors promotur) l-esponenti ghandu jhallas manteniment ghall-ibnu E D s-somma ta' mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€151.40) fix-xahar, u fil-fatt huwa dejjem hallas dan il-manteniment u qatt ma kien hemm xi problema dwar inadempjenza f'dan ir-rigward, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala 'Dok C';

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (vide Klawsola 3 tad-Dok. B anness mar-rikors promotur) il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan  jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Ottubru, 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi kemm mix-xhieda, kif ukoll mill-provi prodotti, irrizulta illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi dikjarat mahlul gew sodisfatti, u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom separati permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rachel Busuttil sa mill-15 ta’ Dicembru 2006.

Il-Qorti rat illi irrizulta ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali l-intimat obbligat ihallas manteniment ghal ibnu E D u huwa qatt ma kien inadempjenti u dejjem hallas il-manteniment dovut.

Illi irrizulta wkoll illi permezz tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali il-partijiet kienu irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom illi jitolbu / jew jircievu manteniment minghand xulxin.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------